# QALB

*Ta'* PETER A. CARUANA

Blanzun
magħluq fuq dirgħajn ommu ġewwa l-ġonna.
Waħda war' l-oħra jiftħu
petali sbieħ
u jroxxu bla mistrieħ
ir-riħa.
Ġewwa l-ġonna timtela
l-arja bil-fwieħa.

Farfett minqux b'kull lewn jgħaddi jittajjar.
Milqut minn dak il-ġmiel
jinżel jistrieħ
fuq dak il-ward sabiħ.
U l-qalb tal-fjur imberrħa għall-imħabba
il-ħlewwiet tagħha tħalli
  fuq xoffet il-farfett.

Ferħan jissieħeb m'oħra.
Isoff u jerġa' jtir
lil hemm......
'il bogħod, 'il bogħod fejn qatt il-fjur ma ħolom
imħabbtu ser itemm.
U fuq ward ieħor isbaħ,
milqut bin-nwar biss ta' xemx fietla
iħalli l-farfett l-għasel
li fuq xofftejh
iwassal
fil-ġonna mbiegħda
taż-żmien......
fl-Eternità.

........................................................

Għajjien,
mitluf fil-frugħa
li taħkem u tkidd lil kull ħlejqa,
il-bniedem ifittex, bla jsib
mistrieħ;

il-faraġ ta' qalbu għajjiena;
hu waħdu
jitolbu
bla jaqla' l-ħelsien tiegħu.
Qalbu tingħasar,
tidbiel,
imħabbtu jagħti 'l min ma jafx iżommha
u jmur iroddha f'mandra tal-bnedmin
fejn ħadd aktar ma jqejjes
l-għemejjel ta' xulxin.

---

*Nota*: Billi din il-poeżija, fl-aħħar harġa ta' *Il-Malti*, bi żball fl-ippaġnar, dehret *mingħajr l-aħħar strofa*, dehrilna xieraq li din id-darba nġibuha sħiħa. — *L-Editur*.